MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 131/2020 LM

**Cambio Stile Limited (C 51755)**
*('is-soċjetà attriċi')*

***vs.***

**Federico Galea (K.I. nru. 169664M)**
*('il-konvenut')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul b'mod prinċipali mis-soċjetà attriċi **Cambio Stile Limited (C 51755)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà attriċi'], u magħmul ukoll b'mod inċidentali mill-konvenut **Federico Galea (K.I. nru. 169664M)** [minn issa 'l quddiem 'il-konvenut'], mis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Novembru, 2023

[minn issa 'il quddiem 'is-sentenza appellata'], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt illi tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż u konsegwentement tilqa' biss limitatament it-talba tas-soċjetà attriċi CAMBIO STILE LTD billi tikkundanna lill-konvenut FEDERICO GALEA jħallasha s-somma ta' tlett elef u sittin Euro (€3,060) rappreżentanti l-bilanċ dovut in linea ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz tal-appalt skont id-dokument 3 ta' Marzu, 2018, (fn. 24: paġna 3 tal-atti tal-kawża, anness mar-rikors promutur), bl-imgħax mid-data tal-fattura 3 ta' Novembru, 2018 u bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal terz (1/3) mill-konvenut u żewġ terzi (2/3) mis-soċjetà attriċi."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tat-talba tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' €14,270, flimkien mal-imgħax sad-data tal-ħlas effettiv, liema somma s-soċjetà attriċi tgħid li hija dovuta lilha għal xogħol ta' demolizzjoni u kostruzzjoni pprovdut lill-konvenut, skont fattura annessa mal-ittra ġudizzjarja li ntbagħtet lill-konvenut.

3. Il-konvenut wieġeb billi eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex huwa ħallas dak kollu li kien dovut minnu, iżda minkejja dan huwa baqa' ma ngħata l-ebda irċevuta relattiva għall-ħlas effettwat minnu. Qal li l-ħlas minnu sar għas-saldu, u fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa esaġerat u mhux reali, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Il-konvenut qal ukoll li l-ammont pretiż ma jirriflettix dak li ġie pattwit bejn il-partijiet. Qal ukoll li m'hemm l-ebda ħlas

relattiv għal xogħol żejjed li sar, li huwa dovut lis-soċjetà attriċi, għaliex il-ftehim relattiv dwar dan ix-xogħol, sar ma' terza persuna.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Novembru, 2023, l-Ewwel Qorti iddeċidiet li l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li laqgħet it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet, u konsegwentement laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi biss limitatament sal-ammont ta' tliet elef u sittin Euro (€3,060), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat;*

*Din hija talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas ta' bilanċ dovut fuq xogħol ta' demolizzjoni u kostruzzjoni fil-fond tal-konvenut ġewwa 23, Triq il-Kbira, San Ġiljan, kif ukoll għal xogħlijiet addizzjonali li saru fuq inkarigu tal-konvenut.*

*Il-konvenut jiċħad li fadal bilanċ x'jitħallas lis-soċjetà attriċi għall-appalt. Jikkontendi illi l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi ma jirrispekkjax il-ftehim li kien milħuq bejn il-partijiet u huwa eċċessiv. Jgħid ukoll li l-ħlasijiet li huwa diġà wettaq lis-soċjetà attriċi jkopru l-ammont kollu li huwa dovut lilha għall-appalt iżda minkejja dan, baqa' qatt ma ngħata riċevuta fiskali.*

*Il-Qorti rat l-atti u l-provi u mill-fatti li joħorġu minnhom jirriżulta illi:-*

*Il-proġett ta' żvilupp fil-fond tal-konvenut sar abbażi ta' u in konformità ma' permess approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA/9145/18) u kien jikkonsisti fit-twaqqigħ ta' żewġ sulari mibnijin fuq il-pjan terren tal-binja, it-twaqqigħ tal-kamra eżistenti fl-istess pjan terren u l-kostruzzjoni ta' kamra ikbar f'dan il-pjan, il-kostruzzjoni ta' żewġ sulari sovrastanti, estiżi fuq area akbar minn dak okkupat mis-sulari pre-eżistenti, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' kamra fit-tielet sular liema kamra kellha tkun irtirata 'l ġewwa. (fn. 1: ara pjanti approvati, paġna 34 sa 39 tal-atti tal-kawża)*

*Wara li d-direttur tas-soċjetà attriċi, Sebastiano Vicaro, kien ispezzjona l-fond, inħarġet stima datata 3 ta' Marzu, 2018 (fn. 2: stima annessa mar-rikors promutur f'paġna 3 tal-atti tal-kawża, u Dok. FG1, Dok. FG2) għad-demolizzjoni tal-kostruzzjoni eżistenti* ('disarmo della costruzione esistente') *u l-kostruzzjoni ta' binja ġdida abbażi tal-pjanti approvati* ('costruzione in base alle piante del mepa').

*Hemm qbil li l-prezz tal-appalt kellu jitħallas mill-konvenut kif indikat fl-istima tat-3 ta' Marzu, 2018, ċioe in kwantu għas-somma ta' €2,000 depożitu u in segwitu, is-somma ta' €5,000 mal-bini ta' kull sular.*

*Huwa evidenti li x-xogħol ta' kostruzzjoni li ġie appaltat lis-soċjetà attriċi kellu jsir skont il-pjanti approvati esebiti fl-atti proċesswali (fn. 3: paġna 34 sa paġna 39 tal-atti tal-kawża), u ma jirriżultax li dawn il-pjanti ġew varjati jew mibdula b'ebda mod waqt il-proġett tal-iżvilupp. Mhux kontestat lanqas illi l-binja riżultanti ġiet effettivament kostruwita skont kif approvat fil-pjanti sija in kwantu għall-kmamar mibnija u sija wkoll in kwantu għall-għoli tas-sulari.*

*Hemm qbil ukoll li l-konvenut ħallas lis-soċjetà attriċi s-somma globali ta' €17,000 permezz ta' erba'* cheques*, wieħed fis-somma ta' €2,000 fit-3 ta' Marzu, 2018 rappreżentanti x-xogħol ta' demolizzjoni, u tliet* cheques *ta' €5,000 kull wieħed. (fn. 4: dawn huma datati 22 ta' April, 2018, 2 ta' Mejju, 2019 u 11 ta' Ġunju, 2018).*

*Il-*vexata quaesto *li għandha quddiemha l-Qorti fiha tliet aspetti separati:-*

- ***Il-prezz globali tal-appalt mogħti lis-soċjetà attriċi***

*Mad-daqqa t'għajn, l-istima tat-3 ta' Marzu, 2018, maħruġa mis-soċjetà attriċi (fn. 5: paġna 3 tal-atti tal-kawża), tindika li l-prezz globali tal-appalt inkluż materjal, kellu jkun fis-somma ta' €17,000, li magħha kellha tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud ('*Prezzo a corpo *€17,000 + VAT').*

*Il-konvenut jikkontendi li bil-pagament li ħallas fis-somma totali ta' €17,000, huwa ssalda l-ħlas kollu dovut skont il-ftehim tal-appalt. Jargumenta illi s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi li titħallas ta' sular żejjed meta fir-realtà inbnew tliet sulari u mhux erbgħa. Fil-fatt, jirriżulta li fil-fattura annessa mar-rikors promutur (fn. 6: Dok. X, paġna 2 tal-atti tal-kawża), is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' somma ta' €5,000, rappreżentanti* 'costruzione 4 livelli' *u dan b'żieda mal-*'prezzo a corpo' *ta' €17,000, liema somma ma ġietx indikata fl-istima tat-3 ta' Marzu, 2018.*

*Da parti tagħha, is-soċjetà attriċi tisħaq illi l-prezz miftiehem kien ta' €5,000 għall-bini ta' kull sular, kienu twaqqgħu s-sulari kollha eżistenti fil-fond tal-konvenut u minflokhom ġew kostruwiti erba' sulari kompriż il-pjan terren. Għalhekk, billi l-*

*konvenut li ħallas biss €17,000, jonqsu jħallas il-prezz tar-raba' sular fis-somma ta' €5,000 kif miftiehem.*

*Fix-xhieda tiegħu l-Perit Jesmond Mugliett spjega illi l-fond tal-konvenut kien fih tliet sulari b'kollox għaliex ġewwa kien hemm sular 'mezzanin', liema sular jidher biss min-naħa ta' wara tal-fond u ma jidhirx mill-faċċata esterna fejn jidhru biss żewġ sulari. Madanakollu, il-Qorti fehmet illi nbniet ukoll kamra ġdida sovrastanti s-sular mibni fuq is-sular tal-mezzanin biex b'hekk, is-sular li qabel kien mezzanin b'kollox, il-binja l-ġdida fiha erba' sulari u mhux tlieta.*

*L-istima esebita mar-rikors promutur f'paġna 3 tal-atti tal-kawża, datata 3 ta' Marzu, 2018 – li hija identika għall-istima esebita mill-konvenut Dok. FG1. Is-soċjetà attriċi ssostni li din l-istima ġiet iffirmata mill-konvenut, filwaqt illi l-konvenut, da parti tiegħu, għalkemm xehed li ma jiftakarx li ffirma din l-istima, ma jiċħadx li l-firma li tidher fuqha hija tiegħu u jaċċetta li din tifforma l-bażi tal-appalt. Skont din l-istima, il-valur globali tal-appalt kien ta' €17,000 più VAT. Din l-istima tispeċifika wkoll kif kellu jitħallas il-prezz tal-appalt, ċioe depożitu fis-somma ta' €2,000 – li Sebastian Vicaro jikkonferma fix-xhieda tiegħu illi kien irċieva mingħand il-konvenut – bil-bilanċ jitħallas in kwantu għal somma ta' €5,000 kull sular.*

*Fil-fehma tal-Qorti din l-istima, li fuqha l-konvenut jibbaża b'mod sħiħ il-linja difensjonali tiegħu dwar il-prezz tal-appalt, tikkostitwixxi l-ftehim bejn il-partijiet dwar il-prezz tal-appalt u l-modalità tal-ħlas ta' dan il-prezz u għalhekk għandu jiġi osservat u għandu wkoll is-saħħa tal-liġi bejn il-partijiet. Għalkemm il-konvenut xehed li ma jiftakarx li kien iffirma din l-istima.*

*Kif inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, il-prinċipju fondamentali u regolamentari fil-liġi tal-kuntratti:-*

"... jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u tiġi osservata. Pacta sunt servanda." *(fn. 7: Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines)**.*

*Il-konvenut xehed illi s-soċjetà attriċi ħarġet l-istima tax-xogħlijiet wara li Sebastiano Vicaro kien mar fuq il-post u ra l-entità tax-xogħlijiet li kellhom isiru skont il-pjanti approvati, filwaqt li l-Perit Jesmond Mugliett ikkonferma illi l-pjanti approvati kienu ġew spjegati lill-kuntrattur qabel beda x-xogħlijiet u ma nbidel xejn mill-pjanti approvati tant illi l-iżvilupp kollu li twettaq mill-kuntrattur sar skont dawn l-istess pjanti. Tassew, il-ftehim innifsu jistipola li l-kostruzzjoni kellha* ssir 'in base alle piante del mepa'. *Kif diġà ġie stabbilit, il-partijiet qablu dwar il-prezz tal-appalt kif indikat fl-*

*istima tat-3 ta' Marzu, 2018, u s-soċjetà attriċi ma ressqet ebda prova li turi li dan il-ftehim ġie sorvolat bi ftehim sussegwenti u jew li l-konvenut aċċetta li jħallas prezz ogħla minn dak indikat fl-istima oriġinali li s-soċjetà attriċi nnifisha tisħaq li ġiet aċċettata mill-konvenut bil-firma tiegħu (fn. 8: Paġna 3 tal-atti tal-kawża) u jikkostitwixxi, kif rajna, il-ftehim bejn il-partijiet. Barra dan il-fatt illi meta s-soċjetà attriċi indikat fl-istima tat-3 ta' Marzu, 2018 li l-prezz ta' €17,000* più *VAT jirrappreżenta* 'prezzo a corpo'*, hija kienet qiegħda tikkwota prezz komplessiv unitarju għal appalt sħiħ, ossia* lump sum, *diversament minn rata li tkun miftiehma skont l-għadd jew il-kejl. Dan kif* del resto *ġie affermat minn Sebastiano Vicaro fix-xhieda tiegħu. (fn. 9: xhieda tat-30 ta' Novembru, 2022)*

*Il-Qorti fehmet ukoll illi fl-istess ftehim, "*Deposito al contratto €2,000", *u* "Differenza da pagare €5,000 per solaio" *jirrappreżenta l-ftehim dwar il-modalità tal-ħlas tal-prezz tal-appalt, anzicche' rata individwali għall-bini ta' kull sular individwali. Tant hu hekk illi kieku kellu, għal mument, jiġi aċċettat li l-indikazzjoni ta'* "€5,000 per solaio" *tfisser li l-prezz stmat kien ta' €5,000 għall-bini ta' kull sular, kieku l-istima tal-prezz totali tal-appalt, liema prezz kif ingħad diġà ġie mogħti bħala* lump sum, *kienet tkun ta' €22,000 (fn. 10: inkluż il-pagament ta' €2,000 bħala depożitu inizjali) u mhux €17,000 più VAT. Dan ifisser li anke jekk fil-fatt jirriżulta li nbnew tliet sulari u kamra fuq il-bejt, huwa irrilevanti kemm fil-fatt inbnew sulari għaliex il-prezz ma ġiex kalkolat u kwotat għal kull sular.*

*Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti ma tirraviża ebda ġustifikazzjoni għaż-żieda tas-somma ulterjuri ta' €5,000 fl-*invoice *maħruġ mis-soċjetà attriċi għall-ħlas tal-prezz tal-appalt. Hu evidenti li s-soċjetà attriċi ma ngħatat ebda struzzjonijiet ulterjuri, in segwitu għall-ftehim datat 3 ta' Marzu, 2018, biex tibni sular addizzjonali b'żieda ma' dak li kien diġà approvat fil-pjanti tal-iżvilupp, u ma jirriżultax li s-soċjetà qiegħda tallega li l-iżvilupp kif approvat fil-pjanti tal-permess PA/9154/18 inbidel tkabbar b'xi mod, in segwitu għall-ftehim tal-appalt.*

*Għaldaqstant, il-prezz miftiehem għall-eżekuzzjoni tal-appalt kien fis-somma komplessiva ta' €17,000 u mhux dovut, skont il-ftehim milħuq bejn il-partijiet, somma addizzjonali ta' €5,000 għaliex inbniet kamra fuq l-ogħla livell tal-binja.*

- ***Jekk il-VAT huwiex diġà kompriż fil-prezz globali ta' €17,000 indikat fil-ftehim tat-3 ta' Marzu, 2018***

*Kif diġà ngħad qabel, il-partijiet jaqblu li l-istima maħruġa fit-3 ta' Marzu, 2018 mis-soċjetà attriċi (fn. 11: dokument f'paġna 3 tal-atti tal-kawża (anness mar-rikors promutur), Dok. FG1 u Dok. FG2) ġiet aċċettata mill-konvenut u li din tikkostitwixxi l-*

*ftehim sħiħ bejn il-partijiet dwar l-appalt tad-demolizzjoni u kostruzzjoni tal-fond. F'din l-istima hemm imniżżel li kellu jiżdied il-VAT mal-prezz globali ta' €17,000.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi hu ovvju li s-soċjetà attriċi bħala soċjetà li tiġġestixxi attività ekonomika konsistenti f'negozju jew kummerċ, hi persuna taxxabbli, li jfisser li hija legalment obbligata taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fn. 12: 'L-Att') (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) li żżid VAT bir-rata ta' 18% fuq il-valur tal-provvisti tagħha u tħallas din it-taxxa lill-Kummissarju skont l-artikolu 21 tal-Att. Il-konvenuta ma wrietx li s-soċjetà attriċi mhijiex persuna taxxabbli (fn. 13: art. 5 Kap. 406) jew li l-provvisti tagħha huma provvisti eżenti (fn. 14: art. 9 Kap. 406) skont il-liġi.*

*Ir-regolament 3 tar-Raba' Skeda tal-Att jistipola illi t-taxxa fuq provvista li sseħħ f'Malta (ħlief għal provvista li għaliha tapplika l-partita 4), ikollha titħallas fid-data l-aktar kmieni miż-żewġ dati li ġejjin:-*

*(a) Id-data li fiha titqies li tkun seħħet il-provvista;*
*(b) Id-data li fiha jsir il-ħlas tal-provvista sal-limitu kopert b'dak il-ħlas.*

*Applikat dan għall-każ in diżamina jfisser li għall-fini tal-pagmenti dovuti perjodikalment mill-konvenut skont il-ftehim tal-appalt, kellu jiġi impost – b'żieda mal-valur dovut lis-soċjetà attriċi għall-provvista li seħħet – it-taxxa tal-VAT bir-rata ta' 18%. Għalkemm jista' jkun il-każ li s-soċjetà attriċi naqset milli toħroġ u żżomm il-kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont il-Ħdax-il Skeda, u jew milli toħroġ u tagħti lill-konvenut riċevuta fiskali jew dokument ieħor kif meħtieġ taħt l-artikolu 51 u t-Tlettax-il Skeda tal-Att (li juru illi l-pagament li kien laħaq ħallas kien kompriż fihom it-taxxa tal-VAT), dan ma jfissirx li l-konvenut hu b'daqshekk, eżonerat milli jħallas it-taxxa tal-VAT fuq il-valur tal-provvisti mogħtija mis-soċjetà attriċi.*

*Iżda l-konvenut jikkontendi wkoll illi d-direttur tas-soċjetà attriċi, Sebastiano Vicaro, kien assigurah illi fil-prezz globali tal-appalt, kif indikat fl-istima, ċioe s-somma ta' €17,000 kien hemm diġà kompriż il-VAT. Dan hu miċħud mis-soċjetà attriċi li tisħaq li l-konvenut ma jridx iħallas il-VAT u għalkemm kien ħallas is-somma komplessiva ta' €17,000 baqa' qatt ma ħallas l-ammont rappreżentanti VAT. Kemm hu hekk, il-konvenut innifsu, b'referenza għall-ftehim datat 3 ta' Marzu, 2018, (fn. 15: Dok. FG1), xehed illi dan il-ftehim "*ma ġie qatt varjat jew kontestat*". Għall-Qorti, u fin-nuqqas ta' prova li kien hemm ftehim supervenjenti bil-miktub bejn il-partijiet fejn ġie maqbul li l-prezz tal-appalt fis-somma ta' €17,000 kien jinkludi l-VAT, l-obbligu legali tal-konvenut li jħallas VAT fuq il-prezz ta' €17,000 hu indiskuss.*

*Wara kollox kif ritenut in materja:-*

"... huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn żvolġew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara Frendo vs Caruana, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara Brincat vs Saliba, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 1983)." (*fn. 16:* ***Clive Simpson noe vs John Saliba noe*** *– deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 2004).*

*Fir-rigward ingħad ukoll hekk:-*

"Illi jiġi osservat li l-preżunzjoni qawwija, loġika u ġuridika, hija li meta l-partijiet ikunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu. Dan huwa l-bażi tal-massima legali contra scriptum non est argumentum." (*fn. 17:* ***Joseph Aquilina noe vs Mark Portelli,*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2005).*

*Għaldaqstant, peress li l-konvenut ressaq prova li huwa ħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €17,000 u xejn iktar, għad jonqsu jħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud tal-provvisti lilu reżi mis-soċjetà attriċi skont il-ftehim tal-appalt.*

- ***Xogħlijiet addizzjonali ta' kostruzzjoni***

*Fit-tielet lok, il-konvenut jiċħad li huwa kien inkariga lis-soċjetà attriċi biex teżegwixxi xogħlijiet iktar minn dawk imsemmija fl-istima ossia ftehim datat 3 ta' Marzu, 2018, u jsostni li x-xogħlijiet addizzjonali ta' kostruzzjoni li twettqu fil-binja kienu ġew appaltati minnu lil ċertu Ciro Massimo Savarese tad-ditta G&C Edilprojects u mhux lis-soċjetà konvenuta.*

*Il-konvenut ipproduċa stima maħruġa minn G&C Edilprojects (Dok. FG7) datata 11 ta' Mejju, 2018 iffirmata minnu u minn Ciro Savarese, fejn jirriżulta li x-xogħlijiet addizzjonali hemm elenkati, ġew stmati fis-somma ta' €4,500.*

*Din l-istima hija identika għal dik immarkata Dok. SV (fn. 18: esebit minn Sebastiano Vicaro) maħruġa mis-soċjetà attriċi wkoll fil-11 ta' Mejju, 2018. Il-konvenut jiċħad li huwa ffirma din l-istima identika maħruġa mis-soċjetà attriċi u jinsisti li kien iffirma stima waħda biss, dik maħruġa minn G&C Edilprojects. Xehed ukoll li s-soċjetà attriċi kellha x'taqsam biss mal-appalt ta' twaqqigħ u kostruzzjoni u ma kellux x'jaqsam*

*magħha aktar għaliex in segwitu, kien qabbad lil G&C Edilprojects biex tagħmel ix-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni u wkoll xi* finishes.

*Da parti tagħha, is-soċjetà attriċi tinsisti li x-xogħlijiet addizzjonali ta' kostruzzjoni fil-fond tal-konvenut, elenkati fl-istima Dok. SV, ġew appaltati lilha mill-konvenut u dan skont kif evidenzjat mill-firma tal-konvenut fuq l-istess stima. Fil-fatt, il-ħlas tal-prezz ta' dawn ix-xogħlijiet addizzjonali qed jintalab minnha fil-fattura datata 3 ta' Novembru, 2018, b'żieda mat-taxxa tal-VAT fir-rata ta' 18%.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi fl-istima Dok. SV, it-taxxa fuq il-valur miżjud kienet kompriża fis-somma ta' €4,500 għaliex f'dan id-dokument ma ġiex speċifikat li kellu jiżdied il-VAT mal-prezz u għalhekk, tapplika l-preżunzjoni legali maħsuba fl-artikolu 49(2) tal-Kap. 406:*

"(2) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa."

*Dan ifisser li anke jekk il-Qorti kellha tqis bħala mistħoqqa t-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas tas-somma addizzjonali ta' €4,500, ma setgħetx titlob ukoll il-VAT b'żieda mal-valur tax-xogħlijiet relattivi.*

*Is-soċjetà attriċi ssostni li dawn ix-xogħlijiet addizzjonali, għalkemm tassew saru minn Ciro Savarese, saru minnu bħala sub-appaltatur tagħha u dan wara li l-konvenut aċċetta illi l-istima li kienet inħarġet minn G&C Edilprojects u ffirmata minnu, terġa' tinħareġ mis-soċjetà attriċi bħala appaltatur tax-xogħlijiet addizzjonali minflok G&C Edilprojects. Sebastiano Vicaro xehed illi Ciro Savarese kien ċempillu fil-preżenza tal-konvenut u kien fehem li l-konvenut aċċetta li jsir dan.*

*Ciro Savarese xehed (fn. 19: affidavit ta' Ciro Savarese u xhieda in kontro-eżami, 13 ta' Marzu, 2023) illi fl-ewwel fażi tal-proġett konsistenti fix-xogħlijiet ta' twaqqigħ u kostruzzjoni u wkoll xi xogħol addizzjonali ta' kostruzzjoni huwa kien imqabbad mis-soċjetà attriċi bħala l-persuna responsabbli għall-proġett, filwaqt li x-xogħlijiet tal-*finishes *kompriż xogħol ta' elettriku, fit-tieni fażi tal-proġett, kien għamilhom hu personalment u kien ġie mħallas għalihom bi ftehim ma' Sebastiano Vicaro d-direttur tas-soċjetà attriċi. Ikkonferma li hu ma rċieva ebda ħlas mingħand il-konvenut għax-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni. Fir-rigward tal-istima Dok. FG70 maħruġa minn G&C Edilprojects fil-11 ta' Mejju, 2018, Ciro Savarese xehed illi huwa kien ħareġ din l-istima f'isem G&C Edilprojects għaliex f'dak l-istadju l-konvenut ma riedx ikollu x'jaqsam aktar mas-soċjetà attriċi billi kien hemm id-diżgwid bejniethom dwar il-ħlas*

*għall-kostruzzjoni tar-raba' sular tal-fond u għalhekk, huwa kien aġixxa bħala intermedjarju biex jipprova jwassalhom għal dan il-ftehim. Dan billi reġa' ħareġ l-istess stima li skont hu kienet diġà nħarġet mis-soċjetà attriċi (Dok. SV), f'isem G&C Edilprojects Limited. Xehed, iżda, li fir-realtà din l-istima ta' G&C Edilprojects (Dok. FG7) ma tfisser xejn għaliex għalkemm ix-xogħlijiet indikati fl-istima ġew fiżikament esegwiti minnu u mill-ħaddiema tiegħu, dawn għamilhom għaliex kien imqabbad mis-soċjetà attriċi u għalhekk il-prezz ta' dawn ix-xogħlijiet hu dovut mhux lilu iżda lis-soċjetà attriċi bħala l-kuntrattur.*

*Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li hija ma temminx il-verżjoni ta' Ciro Savarese li huwa eżegwixxa x-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni għaliex kien imqabbad mis-soċjetà attriċi, u li ħareġ l-istima Dok. FG7 għaliex kien qed jaġixxi bħala intermedjarju bejn il-partijiet. Dan qed jingħad mhux biss għaliex din il-verżjoni mhijiex konfortata mir-riżultanzi tal-provi iżda wkoll għaliex hija inkonsistenti kif ukoll dijametrikament opposta għall-verżjoni ta' Sebastiano Vicaro. Dan tal-aħħar insista fix-xhieda tiegħu illi kien ta struzzjonijiet lil Ciro Savarese biex jikseb il-firma tal-konvenut fuq stima maħruġa mis-soċjetà attriċi,* ***wara*** *li l-konvenut kien diġà aċċetta u ffirma l-istima ġià maħruġa minn Ciro Savarese għal G&C Edilprojects u dan għaliex, skont kif xehed l-istess Sebastian Vicaro, ma kienx aċċettabbli għalih li jaħdem ix-xogħol fuq stima maħruġa minn ħaddieħor.*

*Is-soċjetà attriċi pproduċiet l-istima Dok. SV allegatament iffirmata mill-konvenut, iżda minkejja li ġiet mitluba tipproduċi l-oriġinal ta' dan id-dokument, ċioe l-*quotation *maħruġa fil-11 ta' Mejju, 2018 minn Cambio Stile LTd bil-firma oriġinali tal-konvenut, dan baqgħet qatt ma għamlitu. Sebastiano Vicaro xehed illi Ciro Savarese kien ipprovdielu biss l-istima Dok. SV u xejn iktar. Il-Qorti eżaminat dan id-dokument u għaliha hu evidenti li dan jikkonsisti f'kopja fotostatika ta' stima maħruġa fuq* letterhead *tas-soċjetà attriċi, b'żewġ firem fuqha.* ***Hu wkoll manifest li dan id-dokument ġie manipolat billi l-firem li jidhru fuqu huma riproduzzjoni <u>identika</u> tal-istess żewġ firem fuq l-<u>oriġinal</u> tal-istima maħruġa minn G&C Edilprojects (Dok. FG70)****. Kemm hu hekk, iż-żewġ dokumenti huma identiċi fl-aspetti kollha tagħhom – anke in kwantu l-pożizzjoni taż-żewġ firem, taħżiż u kalligrafija – għajr għall-intestatura: l-oriġinal inħarġet fuq* letterhead *ta' G&C Edilprojects u l-kopja fuq* letterhead *tas-soċjetà attriċi. Dawn iż-żewġ firem Sebastian Vicaro fix-xhieda tiegħu kkonferma li jappartjenu lill-konvenut u lil Ciro Savarese u mhux lilu: fatt li jkompli jsaħħaħ il-konvinċiment tal-Qorti illi effettivament, il-konvenut qatt ma kkuntratta mas-soċjetà attriċi dwar l-appalt tax-xogħlijiet addizzjonali.* ***Jiġi osservat ukoll illi fix-xhieda tiegħu, Ciro Savarese imkien ma qal li rnexxielu jipprokura l-firma tal-konvenut fuq l-istima maħruġa mis-soċjetà attriċi u insista li għalkemm ipprova***

***jwassal il-partijiet għal ftehim, dan ma rnexxiex u insista li* "il-konvenut ma ried ikollu x'jaqsam xejn mas-Sur Vicaro."**

*Għall-Qorti dan kollu jfisser biss illi l-verżjoni tal-konvenut – li huwa qatt ma inkariga lis-soċjetà attriċi biex teżegwixxi x-xogħol addizzjonali tal-kostruzzjoni iżda fir-rigward kien qabbad lil G&C Edilprojects – hija ferm iktar kredibbli minn dik tas-soċjetà attriċi u x-xhud tagħha. Il-verżjoni tas-soċjetà attriċi li l-konvenut kien inkariga lilha biex twettaq ix-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni indikati fl-istima Dok.SV, mhijiex sorretta mir-riżultanzi tal-provi u l-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen li l-konvenut kien sejjer jaċċetta li jerġa' jqabbad lis-soċjetà attriċi biex teżegwixxi xogħlijiet addizzjonali fil-fond tiegħu meta, kif ġie affermat minn Ciro Savarese, kien hemm diżgwid bejn il-partijiet minħabba l-ħlas addizzjonali li kienet qed tippretendi s-soċjetà attriċi għall-kostruzzjoni tar-raba' sular.* ***Hu ovvju li l-konvenut kien inkariga lil Ciro Savarese u mhux lis-soċjetà attriċi jagħmel ix-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni, tant illi l-aċċettazzjoni tiegħu tal-istima maħruġa minn G&C Edilprojects fil-11 ta' Mejju, 2018, (fn. 20: l-oriġinal ta' din l-istima bil-firma tal-konvenut ġie esebit bħala Dok. FG70), hija manifestata bil-firem oriġinali tiegħu u ta' Ciro Savarese fuq Dok. FG70, u ma jirriżultax li dan il-ftehim ġie mħassar jew sorvolat b'xi ftehim ieħor.***

*Minkejja t-tentattiv fjakk tax-xhud Ciro Savarese li jispjega li huwa wettaq dawn ix-xogħlijiet għaliex kien imqabbad mis-soċjetà attriċi, ħadd ma xehed u ma jirriżulta minn imkien – ħlief mill-kopja tal-istima Dok. SV bil-firem evidentement trasposti mill-oriġinal Dok. FG70 – li l-istess konvenut qabbad lis-soċjetà attriċi biex tagħmel ix-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, is-soċjetà attriċi ma rnexxilhiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut ikkontratta magħha għall-eżekuzzjoni tal-appalt tax-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni, u hija nieqsa l-prova tal-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejnha u bejn il-konvenut fir-rigward ta' dan l-appalt addizzjonali. Tabilħaqq, il-provi kollha juru li l-konvenut qabbad lil Ciro Savarese għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet addizzjonali biex ma jerġax iqabbad lis-soċjetà attriċi li magħha kellu diżgwid dwar il-prezz tal-appalt oriġinali.*

*Indubbjament, il-konvenut kien liberu li jqabbad terzi kuntratturi u ma kienx marbut li jqabbad lis-soċjetà attriċi għal kull appalt addizzjonali, sempliċiment għaliex kienet l-appaltatur fl-ewwel fażi tal-proġett. Il-Qorti, wara li fliet ix-xhieda bir-reqqa, fehmet illi Sebastiano Vicaro ma riedx jaċċetta l-fatt li l-konvenut ried iqabbad lill-impjegat tiegħu stess, Ciro Savarese, biex jeżegwixxi l-appalt addizzjonali u proprju għalhekk ried jikseb prova li turi illi l-konvenut kien aċċetta li x-xogħlijiet* extra *jiġu esegwiti mis-soċjetà attriċi. Fil-fatt dan stqarru hu stess fix-xhieda tiegħu (fn. 21: 29 ta' Novembru, 2021):* "Qabel is-supervisor tiegħi (fn. 22: ir-referenza hi għal Ciro Savarese) ġibna dik

il-karta u jien għidtlu li din il-karta mhux se naċċettaha jien biex is-sinjur riedni mmur dirett mal-impjegat tiegħi u jien għidtlu le agħmilli karta Cambio Stile u ffirma Cambio Stile."

*Jekk is-soċjetà attriċi rnexxielha tikkonvinċi lil Ciro Savarese li dawn ix-xogħlijiet addizzjonali kellhom jiġu appaltati lilha għaliex kienet hi li ġiet imqabbda mill-konvenut għall-appalt oriġinali, u jekk ipperswadietu wkoll li l-prezz miftiehem skont l-istima Dok. FG7 kellu jitħallas lilha u mhux lilu, dan jista' jfisser biss illi sar ftehim separat bejniethom li għalih il-konvenut ma kienx komparteċipi. Ftehim bħal dan huwa* res inter alios acta *għall-konvenut li kien inekwivoku meta xehed li huwa kien qabbad lil G&C Edilprojects biex teżegwixxi l-*extra works, *verżjoni li hi sorretta pjenament mill-provi li juru l-eżistenza ta' rapport kuntrattwali fir-rigward tat-tieni appalt,* ***biss*** *bejn il-konvenut appaltant – li aċċetta espressament li x-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni jitwettqu skont kif ġie propost lilu minn G&C Edilprojects – u Ciro Savarese li kif rajna, insista li l-konvenut irrifjuta li jqabbad lis-soċjetà attriċi għall-appalt addizzjonali. Kemm hu hekk, ix-xogħlijiet mertu ta' dan it-tieni appalt ġew tabilħaqq eżegwiti minn Ciro Savarese u l-ħaddiema tiegħu.*

*Jiġi ribadit illi s-soċjetà attriċi ma ressqet ebda prova in sostenn tal-verżjoni tagħha li l-konvenut aċċetta li x-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni jiġu appaltati lilha u mhux lil G&C Edilprojects ta' Ciro Savarese, u minn eżami tax-xhieda hu evidenti li l-imsemmi Ciro Savarese xehed kif xehed x'aktarx għaliex ħassu indebitat lejn Sebastiano Vicaro li introduċieh fil-qasam tal-kostruzzjoni f'Malta u għenu jistabbilixxi l-kuntatti "...* jiena l-prijorità tiegħi kienet lejn Cambio Stile Limited għaliex meta jiena wasalt Malta kien is-Sur Vicaro li kien introduċieni għal dan ix-xogħol." *Għall-bqija, il-verżjoni tiegħu li ħareġ l-istima f'isem G&C Edilprojects għaliex kien qed jaġixxi ta' intermedjarju bejn il-partijiet, ftit li xejn tagħmel sens loġiku u kif rajna, tikkozza wkoll mal-verżjoni ta' Sebastiano Vicaro.*

*Il-Qorti tosserva in konklużjoni illi fl-affidavit tiegħu, Ciro Savarese kien ferm xott u ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi li fihom huwa kien kiseb – kif allegat minn Sebastiano Vicaro fix-xhieda tiegħu – il-firma tal-konvenut fuq l-istima maħruġa mis-soċjetà attriċi għax-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni. Għall-Qorti dan jirrinforza l-konklużjoni tagħha li effettivament,* ***il-konvenut qatt ma ffirma l-istima Dok. SV*** *u din ġiet manipolata biex tipprova tagħti fejda lill-verżjoni tas-soċjetà attriċi li l-konvenut kien qabbad lilha u mhux lil G&C Edilprojects għall-eżekuzzjoni tax-xogħol żejjed. Mhux hekk biss, talli fil-kontro-eżami tiegħu, Ciro Savarese kompla jxejjen il-verżjoni ta' Sebastiano Vicaro li kien hu li pprovdielu l-kopja tal-istima allegatament iffirmata mill-konvenut (Dok. SV) u dan meta xehed illi minkejja l-intervent tiegħu bħala*

*medjatur, baqa' ma ntlaħaq ebda ftehim mal-konvenut biex ix-xogħlijiet addizzjonali tal-kostruzzjoni jiġu appaltati lis-soċjetà attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li eventwalment, dawn ix-xogħlijiet effettivament saru minn Ciro Savarese u l-ħaddiema tiegħu, ma jista' jfisser xejn ħlief li dawn ix-xogħlijiet ġew eżegwiti minnu fuq inkarigu tal-konvenut bi twettiq tal-ftehim tal-appalt konkluż bejniethom, Dok. FG70, skont kif evidenzjat ukoll bid-diversi ħlasijiet li l-konvenut għamel lill-istess Ciro Savarese. (fn. 23 – ara Dok. FGX). Fil-fatt, il-konvenut ikkonferma meta xehed in ri-eżami, li huwa kien ħallas lil Ciro Savarese għal dawn ix-xogħlijiet addizzjonali.*

*Għaldaqstant, is-somma ta' €4,500 mitluba fil-fattura maħruġa mis-soċjetà attriċi fit-3 ta' Novembru, 2018, mhijiex dovuta lilha. L-uniku ammont dovut lilha bħala bilanċ mill-prezz tal-appalt huwa l-VAT fuq is-somma ta' €17,000, il-prezz tal-appalt."*

## **L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-30 ta' Novembru, 2023, is-soċjetà attriċi talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut; tirrevokaha in kwantu laqgħet it-tielet, ir-raba', u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut safejn konformi mal-kumplament tas-sentenza; tirriformaha billi tilqa' t-talba tal-istess soċjetà attriċi, u tordna li l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) huwa dovut mill-konvenut bħala l-prezz tax-xogħlijiet li saru fir-raba' livell tal-binja in kwistjoni; konsegwentement tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) lis-soċjetà attriċi; konsegwentement tirriforma l-istess sentenza billi tiddikjara li l-ammont dovut mill-konvenut bħala taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz tal-appalt, għandu jiġi kkalkulat fuq il-prezz totali tal-appalt, jiġifieri fuq l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) kif spjegat; konsegwentement tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet elef, disa' mija u

sittin Euro (€3,960) bħala taxxa fuq il-valur miżjud; tirriforma l-kap tal-ispejjeż, u tikkonfermaha fil-kumplament.

6. Is-soċjetà attriċi spjegat li hija ħassitha aggravata bis-sentenza li ngħatat mill-Ewwel Qorti. Qalet li hija kienet tqabbdet mill-konvenut sabiex tagħmel xogħol ta' demolizzjoni u kostruzzjoni fil-fond bl-indirizz 23, Triq il-Kbira, San Ġiljan [minn issa 'il quddiem 'il-binja'], u dawn ix-xogħlijiet saru skont pjanti tal-Perit Jesmond Mugliett, kif awtorizzati mill-Awtorità tal-Ippjanar permezz tal-permess li jġib in-numru PA9145/18. Qalet li l-pjanti relattivi ma ġewx varjati jew mibdula bl-ebda mod tul il-perkors tal-iżvilupp, u l-binja finali nbniet speċifikament kif kien approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-soċjetà attriċi qalet li x-xogħol kien jikkonsisti fit-twaqqigħ ta' żewġ sulari mibnija fil-pjan terran tal-binja, it-twaqqigħ tal-kamra eżistenti fl-istess pjan terran, u l-kostruzzjoni ta' kamra akbar f'dan il-pjan, il-kostruzzjoni ta' żewġ sulari fuq din il-kamra, u l-kostruzzjoni ta' kamra fit-tielet sular li kellha tkun irtirata 'l ġewwa. Is-soċjetà attriċi qalet li x-xogħlijiet saru abbażi ta' stima tat-3 ta' Marzu, 2018, u l-ħlas kellu jsir kwantu għas-somma ta' €2,000 bħala depożitu, u €5,000 għall-bini ta' kull sular. Qalet li ma' dan l-ammont komplessiv, kellha tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud. Is-soċjetà attriċi kompliet tgħid li l-konvenut ħallsha s-somma ta' €17,000, konsistenti f'depożitu u l-ħlas għat-tliet sulari minn erbgħa li nbnew. Is-soċjetà attriċi qalet li kien għalhekk li hija interpellat lill-konvenut għall-ħlas tal-bilanċ li kien għadu pendenti, jiġifieri s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) għar-raba' sular li nbena minnha, kif ukoll għat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-ammont kumplessiv ta' €22,000.

7. Is-soċjetà attriċi tgħid li hija ħassitha aggravata għaliex l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet it-talba tagħha għall-ħlas tas-somma dovuta għall-kostruzzjoni tar-raba’ sular fil-fond in kwistjoni, għaliex ma saritx interpretazzjoni korretta tal-istima tat-3 ta’ Marzu, 2018. Qalet li skont l-Ewwel Qorti, il-prezz miftiehem għall-eżekuzzjoni tal-appalt kien fis-somma komplessiva ta’ €17,000, u mhijiex dovuta s-somma addizzjonali ta’ €5,000 għall-kamra li kienet inbniet fl-ogħla livell tal-binja. Qalet li konsegwentement, hija kkalkulat l-ammont dovut bħala VAT fuq is-somma ta’ sbatax-il elf Euro (€17,000). Is-soċjetà attriċi qalet li l-istima tat-3 ta’ Marzu, 2018 hija ċara, u tikkontempla l-ħlas ta’ €5,000 għal kull sular li kellu jinbena, u dan konformement mal-pjanti kif approvati fil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Qalet li għall-fini ta’ kjarezza, ix-xogħlijiet kollha saru skont il-permess u l-pjanti relattivi, kif ikkonfermat mill-Perit tal-konvenut Jesmond Mugliett, u dwar dan m’hemm l-ebda kontestazzjoni. Qalet li l-Perit Jesmond Mugliett, ikkonferma fl-affidavit tiegħu li parti mix-xogħol li kellu jsir kien li jinqala’ l-kontrabejt fit-tieni sular, u l-bini ta’ kamra f’dan is-sular. Il-Perit Mugliett ikkonferma li l-kamra imsemmija inbniet fir-raba’ livell ta’ kostruzzjoni, u dan għaliex għalkemm minn barra l-binja tidher li fiha żewġ sulari, minn ġewwa fiha tliet sulari aktar baxxi. Qalet ukoll li fil-verità inqala’ l-kontrabejt fit-tielet sular, u l-kamra inbniet fuq dan il-bejt, li allura jiġi r-raba’ sular/livell ta’ kostruzzjoni. Qalet li kemm il-Perit Mugliett, kif ukoll il-konvenut, ikkonfermaw li x-xogħlijiet li għalihom hija qiegħda tippretendi ħlas, fil-fatt saru. Is-soċjetà attriċi qalet li l-kliem użat fl-istima tat-3 ta’ Marzu, 2018, huwa ċar u għandu jinftiehem fis-sens li huma dovuti €5,000 għal kull sular li nbena, u mill-provi jirriżulta li nbnew erba’ sulari, u l-konvenut għad fadallu jħallas l-ammont ta’ €5,000. Is-soċjetà

appellata qalet li din hija l-unika interpretazzjoni korretta għall-istima msemmija, u din hija l-unika interpretazzjoni li tagħti effett lill-kuntratt bejn il-partijiet skont il-bona fidi, u altrimenti jiġi li hija tkun ħadmet għal aktar milli kien miftiehem li kellha titħallas, u għalhekk il-konvenut ikun arrikka ruħhu indebitament u inġustament minn fuqha. Is-soċjetà attriċi qalet li minn dan għandu jirriżulta li apparti s-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000) diġà mħallsa, il-konvenut jonqos iħallas is-somma ta' ħamest elef (€5,000) Euro, għaliex is-somma totali dovuta minnu tammonta għal tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000). Qalet li l-Ewwel Qorti kkonfermat ukoll li kuntrarjament għal dak pretiż mill-konvenut, dan kellu jħallas il-VAT iżda fuq l-ammont ta' €22,000 u mhux fuq €17,000. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-ammont totali dovut bħala VAT huwa ta' €3,960 u mhux xi somma oħra.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

8. Il-konvenut wieġeb li l-appell intavolat mis-soċjetà attriċi għandu jiġi miċħud, u fil-fatt żied jgħid li huwa qiegħed jintavola wkoll appell inċidentali dwar l-ammont ta' €3,060 li ġie ordnat iħallas rappreżentanti bilanċ dovut in linea ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz tal-appalt, bl-imgħax mid-data tal-fattura, u dan għaliex l-element tal-VAT ma kellu qatt jiġi segregat għalih waħdu. Il-konvenut qal li s-soċjetà attriċi ressqet biss aggravju wieħed, fejn talbet essenzjalment is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) flimkien mal-VAT, għaliex qalet li ma saritx interpretazzjoni korretta tal-istima. Il-konvenut qal li dan l-aggravju huwa fir-rigward tal-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti, liema apprezzament tal-fatti m'għandux jiġi disturbat minn din il-Qorti. Qal ukoll

li jekk wieħed iħares lejn l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti, wieħed ma jistax ma jinnutax il-mod metikoluż li bih l-Ewwel Qorti kkunsidrat id-dokumenti kollha esebiti.

9. Il-konvenut qal li l-Ewwel Qorti qieset li kien wara li d-direttur tas-soċjetà attriċi Sebastiano Vicaro spezzjona l-fond, li nħarġet l-istima tat-3 ta' Marzu, 2018 għad-demolizzjoni u l-kostruzzjoni, u dan ifisser li l-Qorti ħadet nota tal-fatt li l-istima li ħarġet is-soċjetà attriċi ma saritx fl-arja iżda abbażi ta' spezzjoni appożita fuq il-fond u abbażi tal-pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Qal ukoll li dawn il-pjanti ma ġew varjati fl-ebda mument, u għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni għalfejn għandha tinbidel l-istima mogħtija mis-soċjetà attriċi għax-xogħlijiet skont dawn il-pjanti. Il-konvenut qal li ż-żieda fil-prezz mitluba f'dan l-appell fl-ammont ta' €5,000 għal sular addizzjonali flimkien mal-VAT, ma ssib l-ebda konfort la fix-xogħol li effettivament sar u lanqas fil-pjanti, għaliex fir-realtà x-xogħol sar skont il-pjanti oriġinali, u ma kien hemm ebda tibdil jew addizzjoni għalihom, u lanqas m'għandu jkun hemm diffikultà dwar għal liema xogħol inħarġet l-istima. Il-konvenut qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-fatt li nbniet kamra fuq l-ogħla livell tal-binja fih innifsu ma jista' qatt jissarraf f'żieda ta' €5,000 flimkien mal-VAT. Il-konvenut qal li l-Ewwel Qorti qieset li kienet inbniet kamra fuq bejt fl-ogħla sular tal-binja, u l-binja kif kostruwita ma nbidlitx mill-pjanti approvati, anke għaliex il-fond huwa skedat u l-kostruzzjoni kienet suġġetta għall-monitoraġġ. Il-konvenut qal li l-binja inbniet eżatt mal-pjanti, u l-*monitors* li marru fuq il-post sabiex jagħmlu l-verifiki, ma kellhom xejn xi jgħidu fuq il-mod kif saru x-xogħlijiet. Qal li ma żdiedu l-ebda kmamar ma' dawk approvati, u lanqas ma nbidlu s-sulari minn dawk approvati.

Il-konvenut qal li ladarba għandu jirriżulta li s-somma addizzjonali ta' €5,000 m'għandha l-ebda bażi legali jew fattwali, għandu jsegwi li l-ebda VAT m'hija dovuta fuq din is-somma. B'riferiment għas-seba' talba fir-rikors tal-appell tas-soċjetà attriċi, fejn talbet li jiġi riformat l-kap tal-ispejjeż, il-konvenut qal li din ukoll hija irritwali u nulla, għaliex jekk is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata bil-kap tal-ispejjeż kif akkollati u deċiżi mill-Ewwel Qorti, hija kellha tressaq aggravju appożitu dwar dan. Qal li dan ifisser li ladarba t-talba numru 7 dwar il-kap tal-ispejjeż ma tressaq l-ebda aggravju dwarha, din għandha tiġi miċħuda.

10. Il-konvenut qal li huwa qiegħed iressaq ukoll appell inċidentali għaliex ħassu aggravat bil-kundanna għall-ħlas tas-somma ta' €3,060, rappreżentanti bilanċ dovut in linea ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz tal-appalt mid-data tal-fattura, u bil-mod kif ġew akkollati l-ispejjeż. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, il-konvenut saħaq li l-prezz miftiehem ta' €17,000 kien jinkludi fih it-taxxa fuq il-valur miżjud. Qal li l-istima in kwistjoni kienet ġiet innegozjata mas-soċjetà attriċi, li min-naħa tagħha aċċettat il-prezz ta' €17,000 li kellu jinkludi l-VAT, u mhux kif indikat fl-istima li miegħu kellha tiżdied il-VAT. Il-konvenut qal li dan huwa korroborat anki mill-istess pagamenti magħmula minnu favur is-soċjetà attriċi, liema pagamenti jirriflettu dan il-ftehim. Il-konvenut ta elenku tal-ħlasijiet li saru minnu, u qal li t-tempistika u l-modalità tal-ħlas kif jirriżulta mill-*affidavit* tiegħu, liema ħlasijiet ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom, juru biċ-ċar li dawn tħallsu max-xogħol kif kien qed jiġi eżegwit u skont il-ftehim. Qal li anke l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet fis-sentenza tagħha, li l-pagamenti kif elenkati, kienu jirriflettu kif ser jitħallsu matul l-eżekuzzjoni tal-appalt. Il-konvenut qal li anke l-modalità tal-pagament tindika li l-ftehim kien li

l-ħlas ikun jinkludi l-VAT, u li kieku ma kienx hekk, aktarx li kien ikun hemm diżgwid bejn il-partijiet mill-ewwel. Qal ukoll li l-fatt li x-xogħol baqa' għaddej u ġie kompletat mis-soċjetà attriċi, juri li ma kien hemm l-ebda diżgwid bejniethom sa dak il-punt, u s-soċjetà attriċi kienet totalment sodisfatta bil-ħlasijiet li kienu qed isiru ma' kull stadju tal-proġett kif miftiehem. Il-konvenut qal ukoll li d-diżgwid inqala' biss wara li ngħata *extra work* lil terza persuna, u mhux lis-soċjetà attriċi. Il-konvenut spjega li għandu jingħata wkoll il-piż mistħoqq lill-kredibbilità o meno tal-partijiet, u wieħed ma jistax jinjora l-fatt li l-Ewwel Qorti kellha kliem iebes fil-konfront tax-xhud imressaq mis-soċjetà attriċi, Ciro Savarese, u qalet bla tlaqliq li ma temmnux. Il-konvenut qal ukoll li l-Qorti użat kliem ta' ċensura fir-rigward tal-istima Dok. SV, allegatament iffirmata mill-konvenut, fejn għalkemm ġiet mitluba tipproduċi l-oriġinal, jiġifieri d-dokument bil-firma tal-konvenut, is-soċjetà attriċi baqgħet m'għamlitx dan. Il-konvenut qal li fir-rigward ta' dan id-dokument, l-Ewwel Qorti qalet ukoll li huwa ċar li dan id-dokument ġie manipulat, billi l-firem li jidhru fuqu huma riproduzzjoni identika taż-żewġ firem fuq l-oriġinal tal-istimi maħruġa minn G&C Edilprojects. Il-konvenut qal li dan kollu ssemma minnu għall-fini ta' kredibbilità, sabiex fuq naħa titpoġġa l-verżjoni tiegħu bil-fatti ċirkostanzjali ta' kif saru l-pagamenti li dwarhom ma hemm ebda kontestazzjoni, u fuq in-naħa l-oħra hemm il-verżjoni ta' Sebastiano Vicaro, direttur tas-soċjetà attriċi, li ma ddejjaq xejn jippreżenta dokument manipulat bħala parti mill-provi tiegħu, flimkien ma' xhud li l-Ewwel Qorti qalet li ma temmnux. Il-konvenut qal li huwa dejjem stqarr il-verità, u għalhekk ix-xhieda tiegħu hija attendibbli, u għandha tingħata l-piż mistħoqq. Qal li għalhekk huwa m'għandu jiġi kkundannat għall-ebda ħlas ta' VAT kif iddikjarat l-Ewwel Qorti, u wisq anqas għandu jħallas imgħax fuq l-istess.

11. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-konvenut qal li s-somma ta' €3,060 hija bilanċ mill-prezz u mhux VAT, peress li l-VAT ma tistax tiġi segregata mill-prezz. Spjega li anke li kieku wieħed kellu jasal għall-konklużjoni li l-ammont ta' €3,060 huwa dovut, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tikkundannah iħallas is-somma ta' €3,060 rappreżentanti l-bilanċ dovut in linea ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz tal-appalt, għaliex l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tissegrega u tifred it-taxxa tal-VAT għaliha waħedha. Il-konvenut qal li semmai, huwa kellu jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' €3,060 bħala bilanċ mill-prezz u mhux bħala VAT. Qal li l-element tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) huwa intrinsiku fl-istess pagamenti li saru, għaliex kull pagament ikollu element ta' VAT fih, u għalhekk il-VAT qatt ma setgħet tiġi mifruda mill-pagamenti li saru, b'tali mod u manjiera li l-Qorti tikkundanna *lump sum* ta' €3,060 rappreżentanti l-VAT. Il-konvenut qal li l-Ewwel Qorti jidher li waslet għas-somma ta' €3,060 billi kkalkulat il-VAT fuq is-somma ġià mħallsa ta' €17,000, u għalhekk skont ir-raġunament tal-Ewwel Qorti, il-prezz komplessiv kellu jkun ta' €20,060 (VAT inkluża). Il-konvenut qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li l-bilanċ ta' €3,060 jirrappreżenta l-VAT, stante li fir-realtà dan jirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz u mhux il-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

12. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, il-konvenut qal li m'għandux jiddekorri imgħax fuq is-somma ta' €3,060, wisq inqas mid-data tal-fattura. Spjega li anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, wieħed kellu jasal għall-konklużjoni li l-prezz ta' €17,000 ma kienx jinkludi fih it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għalhekk is-somma ta' €3,060 hija dovuta, huwa jħoss li fuq din is-somma m'għandu jiddekorri l-ebda imgħax. Qal li ladarba mill-provi ma jirriżultax li s-soċjetà attriċi

kienet ħarġet irċevuta fiskali dwar il-pagamenti riċevuti minnha mingħandu, ifisser li s-soċjetà attriċi ma ħallset l-ebda Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-istess pagamenti. Qal ukoll li fin-nuqqas ta' prova li s-soċjetà attriċi ħallset it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ċertament li ma jkunx ġust li hija tkompli tistagħna bl-imgħaxijiet fuq VAT, li fl-aħħar mill-aħħar ma ressqet ebda prova li ħallset lill-Gvern kif kienet obbligata tagħmel. Qal li jekk wieħed kellu jikkunsidra li saru xejn anqas minn €17,000 f'pagamenti, wieħed jasal għall-konklużjoni loġika li dwar kull pagament kellha tinħareġ irċevuta. Qal li kull pagament li sar fih innifsu kellu element ta' VAT fih, u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tikkundannah iħallas is-somma ta' €3,060 rappreżentanti l-bilanċ dovut in linea ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz tal-appalt, stante li l-pagamenti li kienu qegħdin isiru minnu diġà kellhom element ta' VAT fihom. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma setgħet tissegrega għalih l-element tal-VAT mis-somma dovuta. Il-konvenut spjega li huwa għamel numru ta' pagamenti, jiġifieri l-ħlas ta' €2,000 permezz ta' *cheque* datat it-3 ta' Marzu, 2018 dwar it-twaqqigħ, kif kien miftiehem; *cheque* datat it-22 t'April, 2018 għall-ammont ta' €5,000 rigwardanti l-bini ta' sular; *cheque* ta' €5,000 datat it-2 ta' Mejju, 2018 rigwardanti l-bini ta' sular ieħor; u pagament finali li kien jagħlaq il-kont li tħallas permezz ta' *cheque* għall-ammont ta' €5,000 għall-aħħar sular. Il-konvenut qal li l-Qorti ma setgħet qatt tikkundannah għall-ħlas ta' imgħaxijiet b'effett mid-data tal-fattura, jiġifieri mit-3 ta' Novembru, 2018, għaliex meta għamlet hekk hija kienet qiegħda tinjora għal kollox il-pagamenti effettwati minnu, u għalhekk la l-imgħax u lanqas id-data minn meta għandhom jiddekorru, ma jreġu.

13. Ir-raba' aggravju tal-konvenut huwa dwar il-kap tal-ispejjeż, li qal li għandu jkun jirrifletti r-rebħ u t-telf tal-partijiet, u għalhekk sostna li dan għandu jiġi rivedut.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

14. Is-soċjetà attriċi spjegat li hija appellat mis-sentenza appellata għaliex ma qablitx ma' dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma kkunsidratx ir-raba' sular u l-prezz tiegħu, jiġifieri €5,000. Qalet li hija qiegħda tippretendi wkoll li t-taxxa fuq il-valur miżjud għandha tinħadem fuq l-ammont komplessiv ta' €22,000, li b'hekk għandha tammonta għal €3,960. Qalet li l-ewwel tliet aggravji sollevati mill-konvenut jiċċentraw fuq il-kwistjoni tal-VAT, u l-aħħar aggravju huwa dwar il-kap tal-ispejjeż. Qalet li dawn l-aggravji ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa, għaliex huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

15. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-konvenut fl-appell inċidentali tiegħu, is-soċjetà attriċi qalet li l-istima hija l-prova reġina fil-kwistjoni bejn il-partijiet. Kompliet tgħid li din tindika biċ-ċar li l-prezz ikkwotat ma jinkludix il-VAT, u b'hekk din kellha tiżdied wara mal-prezz. Qalet ukoll li din l-istima ġiet iffirmata minn Federico Galea stess, li fl-ebda punt ma ċaħad dan. Is-soċjetà attriċi qalet li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija kostanti għal dak li jirrigwarda dak miftiehem bil-miktub u dak li jintqal bil-fomm, u l-piż probatorju li għandu jingħatalhom, iżda l-konvenut qiegħed jipprova jirriduċi dan l-eżerċizzju għal wieħed ta' paragun tax-xhieda taż-żewġ naħat. Is-soċjetà attriċi għalhekk stiednet lil din il-Qorti tikkumpara l-piż probatorju li tista' tagħti lil kitba, li hija turija ċara tar-rieda tal-partijiet fuq naħa, u x-xhieda tal-istess

partijiet fuq in-naħa l-oħra. Is-soċjetà attriċi qalet li hija regola ġurisprudenzjali li kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba, u għalhekk ladarba l-firma ta’ Galea fuq l-istima qatt ma ġiet ikkontestata, il-kontenut tal-istima biss għandu jirregola jekk l-ammont kienx diġà jinkludi VAT jew le. Qalet li f’dan is-sens l-istima hija ċara, u l-VAT ma kinitx ġiet inkluża. Qalet ukoll li l-ammont li fuqu għandha tiġi kkalkulata l-VAT huwa ta’ €22,000, għaliex effettivament fuq is-sit inbnew erba’ sulari bil-prezz ta’ €5,000 (+ VAT) għal kull sular, u jekk wieħed jaħdem il-VAT, din tammonta għas-somma ta’ €3,960.

16. B’riferiment għat-tieni aggravju tal-konvenut, is-soċjetà attriċi qalet li Federico Galea hawnhekk qiegħed jipprova jistaħba wara eżerċizzju semantiku sabiex jevita li jħallas l-ammont dovut minnu. Qalet li jekk dan huwiex ‘bilanċ’ jew VAT, il-fatt jibqa’ li hemm ammont dovut wara li wieħed ikun ikkunsidra l-VAT, u l-VAT qatt ma kienet inkluża fil-prezz. Qalet li għalhekk eżerċizzju purament semantiku m’għandux ikun imfixkel ma’ wieħed ta’ portata legali, għaliex iddur fejn iddur, l-ammont huwa dovut.

17. B’riferiment għat-tielet aggravju, is-soċjetà attriċi qalet li hija ma taqbilx li l-ebda imgħax m’huwa dovut fuq ammont ikkalkolat bħala VAT. Qalet li l-imgħax jibda jgħodd minn meta l-pagament ikun dovut, u fil-każ odjern, il-pagament dovut kien jikkonsisti fl-ammont ta’ ħamest elef Euro (€5,000) dovut għal kull sular, u miegħu kellu jiżdied il-VAT, kif maqbul bejn il-partijiet. Qalet li ladarba l-konvenut naqas milli jħallas il-VAT dakinhar li nħarġet il-fattura tat-3 ta’ Novembru, 2018, l-imgħax beda jiddekorri minn dakinhar, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

18. B'riferiment għall-kap tal-ispejjeż, is-soċjetà attriċi qalet li hija diġà kienet ċara fl-appell tagħha, li l-parti tas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż għandha tiġi riformata fis-sens li dawn għandu jbatihom unikament Federico Galea.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq b'mod prinċipali mis-soċjetà attriċi fl-appell tagħha, kif ukoll l-aggravji sollevati mill-konvenut fl-appell inċidentali tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tal-pożizzjoni li ħadet kull parti f'dawn il-proċeduri tal-appell.

*L-Ewwel Aggravju:* *[In-numru ta' sulari mibnija, u l-pendenza għall-ħlas ta' €5,000 ulterjuri]*

20. Is-soċjetà attriċi qalet li l-appalt imwettaq minnha fuq inkarigu tal-konvenut, kien jinvolvi t-twaqqigħ ta' dar ta' żewġ sulari, u minflokha bniet kamra fil-pjan terran, żewġ sulari fuqha, u kamra fit-tielet sular li kellha tkun irtirata 'l ġewwa, erba' sulari b'kollox. Qalet li skont il-ftehim bejn il-partijiet, il-konvenut kellu jħallas il-prezz ta' €5,000 (+ VAT) għal kull sular li jinbena fuq is-sit, u ladarba ġie stabbilit li fuq is-sit inbnew erba' sulari, għad hemm pendenti l-ħlas ta' €5,000, flimkien mal-VAT fis-somma ta' €3,960. Is-soċjetà attriċi qalet li meta l-Ewwel Qorti ċaħditilha t-talba għall-ħlas tal-ammont dovut għall-bini tar-raba' sular tal-binja, din kienet żbaljata wkoll fil-komputazzjoni tal-VAT dovuta mill-konvenut. Is-soċjetà attriċi qalet li skont l-istima ffirmata bejn il-partijiet, kellu jsir il-ħlas ta' €5,000 għal kull sular li jinbena minnha skont il-

pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, u anki l-Perit Mugliett, li hu l-perit tal-konvenut, ikkonferma li l-kamra in kwistjoni inbniet fir-raba' sular tal-binja.

21. Il-Qorti eżaminat l-atti fl-intier tagħhom, u partikolarment id-dokumenti esebiti mat-talba tas-soċjetà attriċi, *a fol.* 2 u 3 tal-proċess. Id-dokument f'*fol.* 2, li huwa l-fattura bid-data tat-3 ta' Novembru, 2018, jindika li l-pretensjoni tas-soċjetà attriċi wara li tlestew ix-xogħlijiet kienet għall-ħlas ta' €17,000 għat-twaqqigħ u l-bini fuq tliet livelli tal-binja, u għall-ħlas ta' €5,000 għall-kostruzzjoni li saret fir-raba' livell. L-istima esebita f'*fol.* 3, tirrifletti tali pretensjoni, għaliex jirriżulta li l-*prezzo a corpo* li ftiehmu dwaru l-partijiet kien ta' €17,000 + VAT, filwaqt li kien ser ikun hemm '*differenza da pagare ... per solaio'* fl-ammont ta' €5,000. Dan ifisser li anki fl-istima ffirmata u maqbula bejn il-partijiet, kien hemm ftehim li għall-kostruzzjoni ta' fuq il-bejt, kellu jkun hemm ħlas apparti ta' €5,000, li tqies b'mod separat mill-korp tal-bini fuq tliet livelli, li għalih il-konvenut ipprometta li jħallas is-somma totali ta' €17,000. Il-Qorti tqis għalhekk li s-soċjetà attriċi hija korretta fil-pretensjoni tagħha, u l-konvenut għandu jħallas l-ammont ta' €5,000 għall-kostruzzjoni li saret minnha wara li tneħħa l-kontrabejt li kien hemm fit-tielet sular u nbniet kamra fuq il-bejt. Din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti li kien hemm ftehim dwar il-modalità tal-ħlas tal-prezz tal-appalt, u li l-prezz ma ġiex kalkolat għal kull sular, għaliex kemm l-istima, kif ukoll il-fattura eventwali maħruġa wara li tlesta x-xogħol, jindikaw dan. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà attriċi, u qiegħda tiddeċiedi li l-konvenut irid iħallas l-ammont ta' €5,000 addizzjonali għax-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi.

Naturalment, il-VAT dovuta mill-konvenut trid titħallas fuq il-prezz totali tal-appalt, jiġifieri fuq it-tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000).

## L-Appell Inċidentali

22. Il-konvenut ressaq numru ta' aggravji għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fl-appell inċidentali ippreżent minnu.

*L-Ewwel Aggravju: [Dwar jekk il-VAT kinitx inkluża fil-prezz jew le]*

23. Il-konvenut jgħid li l-prezz miftiehem ta' €17,000, kien jinkludi l-VAT. Żied jgħid li s-somma ta' €5,000 addizzjonali mhijiex dovuta minnu, u għalhekk l-ebda VAT m'hija dovuta fuq din is-somma. Qal li l-pagamenti li saru minnu jirriflettu dan il-ftehim, u l-VAT tħallset minnu mal-ħlas tax-xogħol eżegwit. Qal li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ħlas kellu jinkludi l-VAT, u li l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa l-kredibbilità tax-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiemha.

24. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien jikkontempla li l-VAT kellha titħallas mill-konvenut b'mod separat, u li s-somma kkwotata lilu dejjem tqieset bħala waħda netta li ma tinkludix it-taxxa fuq il-valur miżjud. Din lanqas m'hija kwistjoni ta' kredibbilità tax-xhieda, iżda hija kwistjoni ta' dak li jirriżulta mill-provi bil-miktub. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-VAT li għandha titħallas mill-konvenut trid tiġi kkomputata fuq il-prezz totali tal-appalt, jiġifieri fuq it-€22,000 dovuti minnu. Il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel aggravju imressaq mill-konvenut fl-appell inċidentali tiegħu mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-VAT ma tistax tiġi segregata mill-prezz]*

25. Il-konvenut jgħid li l-bilanċ pendenti dovut minnu kellu jitqies mill-Ewwel Qorti bħala parti mill-bilanċ tal-prezz, u mhux bħala taxxa fuq il-valur miżjud, għaliex it-taxxa fuq il-valur miżjud ma tistax tiġi segregata mill-prezz.

26. Il-Qorti hawnhekk ikollha taqbel mas-soċjetà attriċi, li dan hu kollu logħob bil-kliem, għaliex kellu jkun evidenti għall-konvenut li ma' kull pagament effettwat minnu, kellu jkun hemm komputazzjoni apparti tal-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta minnu. Irrispettivament minn x'jissejjaħ dan l-ammont, huwa evidenti li kien hemm ammont ta' taxxa li kienet għad trid tinħadem fuq il-prezz ikkwotat, u għalhekk kwalsiasi argument li qiegħed jitqajjem mill-konvenut li t-taxxa kellha titqies bħala parti mill-bilanċ tal-prezz, jew li t-taxxa mhix dovuta, huwa superfluwu. Il-Qorti għalhekk tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Ebda imgħax m'hu dovut fuq il-bilanċ tat-taxxa li għad irid jitħallas]*

27. Il-konvenut jgħid ukoll li m'hemm l-ebda imgħax dovut jew li jrid jitħallas minnu fuq it-taxxa li trid titħallas minnu, u ċertament jekk hemm xi imgħax dovut dan m'għandux jibda jiddekorri mid-data tal-fattura.

28. Għall-Qorti huwa ċar li l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jitħallas b'effett mid-data li fiha kellu jiġi effettwat il-ħlas, u ladarba t-taxxa fuq il-valur miżjud kellha titħallas flimkien mal-prezz tax-xogħol eżegwit, kienet korretta l-

Ewwel Qorti li kkonkludiet li l-imgħax dovut irid jitħallas b'effett mid-data tal-fattura. Għaldaqstant anki dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Dwar l-ispejjeż]*

29. Il-konvenut jikkontendi li l-kap tal-ispejjeż għandu jiġi rivedut sabiex ikun jirrifletti l-grad ta' responsabbilità ta' kull parti. F'dan ir-rigward kien hemm ukoll talba min-naħa tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti tqis li ladarba qiegħed jiġi deċiż li s-soċjetà attriċi kienet korretta fil-pretensjoni tagħha li għandha titħallas mill-konvenut €5,000 għax-xogħol ta' kostruzzjoni li wettqet fir-raba' livell tal-binja proprjetà tal-konvenut, kif ukoll is-somma ta' €3,960 bħala VAT fuq il-prezz totali tal-appalt, u fil-fatt l-aggravju mressaq minnha f'dak ir-rigward qiegħed jintlaqa'. Għalhekk l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu kwantu għal terz mis-soċjetà attriċi, in vista tal-fatt li t-talba tas-soċjetà attriċi ma ntlaqgħetx fl-intier tagħha, u żewġ terzi mill-konvenut, filwaqt li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan l-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi:**

**(i) Tilqa' l-appell prinċipali tas-soċjetà attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) għax-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà attriċi fir-raba' livell tal-binja tal-konvenut, u tordna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza; u**

**(ii) Tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, is-somma ta' tliet elef disa' mija u sittin Euro (€3,960), kif dovuti bħala taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-prezz totali tal-appalt ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), li ġie eżegwit fil-binja tal-konvenut;**

**(iii) Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu kwantu għal terz mis-soċjetà attriċi, u żewġ terzi mill-konvenut. L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**